# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 30 ta' Mejju, 2001.**

**Numru 105**

**Citaz. Nru. 1113/99GV**

**Progress Press Company Limited**

**vs**

**R.G.M. Trading Limited u b'digriet tas-26 ta' Novembru, 1999 gie kjamat in kawza Michael Sciortino stralcjarju tas-socjeta' R.G.M. Trading Limited**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' attrici tinstab kredittrici tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' hamest elef hames mija u tnejn u tmenin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmi (Lm5,582.25) rapprezentanti l-bilanc dovut fuq il-prezz ta' diversi kitba lilha mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta' attrici fuq inkarigu ta' l-istess socjeta' konvenuta;

Premess illi ghalkemm debitament interpellata biex thallas dan l-ammont is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti;

Premess illi l-ammont mitlub huwa cert, likwidu u dovut;

Ghaldaqstant is-socjeta’ attrici talbet lil din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi u dispensat is-smiegh tal-kawza skond l-artikolu 167 et seq tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) u in vista ta’ l’affidavit tas-socjeta’ attrici (mmarkat dokumnet A):-

1. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hamest elef hames mija u tnejn u tmenin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm5,582.25) fuq imsemmija.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra s-socjeta’ konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici a fol. 3 tal-process;

Rat id-digriet a fol. 25 tal-process;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-stralcjarju li naqas li jipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqa’ kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta’ l-atturi u semghet l-istralcjarju;

Semghet l-avukat tas-socjeta’ attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata ghas-somma ta’ hamest elef tlett mija sebgha u hamsin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmi (Lm5,357.25)

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici ghas-somma ta' hamest elef, tlett mija sebgha u hamsin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmi (Lm5,357.25) bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**